MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2010

Numru 758/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**PATRICK CASSAR**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Patrick Cassar, ta’ 30 sena, iben Mary Cassar, imwieled Pieta’ fis-7 ta’ Awwissu 1979, residenti gewwa Flat 6, Binja Nigret, Ent. E, Zurrieq u detentur ta’ Karta ta’ l-Identtia’ bin-numru 499279(M).

Illi huwa akkuzat talli gewwa l-Mosta, San Pawl il-Bahar u fi bnadi ohra f’Dawn il-Gzejjer, f’Dicembru 2009 u fix-xhur u snin ta’ qabel, b’diversi atti maghmulin minnek ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1) B’eghmil zieni, ikkorrompejt lill-persuna taht l-eta’ u cioe’ lil Ommissis A, minuri ta’ tlettax (13)-il sena;
2) Ippartecipajt f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-eta u cioe Ommissis A ta’ tlettax (13)-il sena;
3) Ikkometta attentat vjoneti ghall-pudur fuq l-imsemmija minuri Ommissis A.

Il-Qorti hija mitluba illi tapplika l-provedimenti tal-Ligi a terminu ta’ l-Artikolu 412C et. Sequitur tal-Kodici Kriminali u tohrog ordni ta’ protezzjoni tenut kont tar-reati adebitati u c-cirkostanzi ta’ membru domestiku.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat ghal rigward tat-tieni akkuza datata 22 ta’ Ottubru 2010 (a fol.9);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet ir-rinunzja tal-kwerelant ghar-rigward l-ewwel u t-tielet akkuza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tieni akkuza w wara li rat l-Artikolu 204 C, 28A, 412C, tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta; tikkundanna lil imputat ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erbgha (4) snin u tordna hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni favur il-minuri u l-familja taghha u kontra l-imputat ghal perjodu ta’ tlett (3)

snin bil-kundizzjoni li l-imputat ma javvicinaw jew b'xi mod jikkomunika mal-minuri imsemmija fl-akkuzi.

Ghal rigward ta' l-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuza in vista tal-rinunzja tal-kwerelant, il-Qorti tiddikjara li fil-konfront ta' l-ewwel (1) u tielet (3) akkuza, l-procediment huwa ezawrit.

Illi l-piena qed tigi akkordata in vista ta' l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu w in vista tal-rinunzja tal-kwerelanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------